**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u tmienja u tletin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar l-Erbgħa 9 ta' April 2014 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Vici Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta, *Misnt SMM(UK), MCIM (UK), MBA (Maastricht),* ***Chartered Marketer*** | Kunsillier |

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li jkun skużat minħabba li kien imsiefer.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Ġew iċċirkolati l-Minuti. Is-Sindku talab lill-Kunsill sabiex jinqraw il-Minuti u jiġu approvati fis-Seduta li jmiss.

## 4. Sospensjoni tas-Seduta

Is-Sindku talab li din is-Seduta tiġi sospiża sabiex il-Kunsill jiddiskuti l-Programm ta' Attivitajiet marbuta ma' Jum il-Ħamrun 2014.

## 5. Jum il-Ħamrun 2014

Is-Sindku fisser li fl-aħħar laqgħa ġie diskuss li jiġi ffinalizzat il-Programm ta' Attivitajiet għal Jum il-Ħamrun.

Is-Sindku spjega li tkellem mas-Sur Bonnici mill-BMX Club sabiex naraw il-possibilita' li jinżamm Show tal-BMX. Is-Sindku ftihem mas-Sur Bonnici li jinfurmah

bid-data magħżula mill-Kunsill sabiex ikun possibli li jikkonfermaw il-partecipazzjoni tagħhom.
Wara diskussjoni bejn il-membri, l-Kunsill qabel li l-Ħadd 25 ta' Mejju tinżamm għall-iSports Day, fejn l-attivitajiet sportivi jiġu organizzati kollha fl-istess ġurnata u fl-istess area. Ġie suġġeriet li din l-attivita' tinżamm fi Triq il-Kbira San Ġużepp, fejn it-triq tingħalaq minn Triq Dun Nerik Cordina Perez se Triq Villambrosa.

Is-Sindku spjega li hija idea tajba li norganizzaw Dog Show. Dan ix-show qed jiġi ppjanat għall-Ħadd 25 ta' Mejju.

Il-Kunsillier Mario Caruana ppropona li ssir ż- żjara lill-anzjani tar-residenza San Vincenz. Is-Sindku ppropona li nikkuntattjaw lill-ghaqdiet sabiex ikunu parti minn din iz-zjara u nkellmu lill-iscouts group ukoll.

Il-Kunsillier Mario Caruana ppropona li t-Tournament tal-Football bejn l-ghaqdiet jinzamm is-Sibt 24 ta' Mejju.

Is-Sindku ppropona li jigi organizzat Tournament tal-American Pool.

Il-Vici Sindku spjega li jrid isir hlas ghas-servizz ta' referees. Is-Sindku tal-idea li nitolbuhom jigu b'xejn, imbaghad naghtuhom plakka kommemorattiva.

Il-Kunsillier Judith Bugeja pproponiet li s-Sibt nheggu l-bars jarmaw stands fi Triq il-Kbira San Guzepp.

Is-Sindku fisser li ghal din is-sena l-Kunsill inghata l-ammont ta' € 2000 sabiex jorganizza l-attivita' Era Franciza. Hu spjega li s-sena li ghaddiet kien sar re-enactment mill-kumpanija HRGM.

Il-Vici Sindku sahaq li qeghdin tard wisq u ghandna nibdew nippreparaw sew ghal din l-attivita'.

Il-Vici Sindku ppropona l-uzu tax-shelter li hemm fi Triq Atocia. Dan sabiex jigi organizzat re-enactment tal-Hamrun fi zmien l-Era Ingliza. Is-Sindku ta l-idea li jinzamm live-acting fix-shelter fejn fih juru l-hajja tal-maltin waqt il-gwerra.

Il-Kunsillier Carmen Borg ssuggeriet li l-live-acting isir mill-Ghaqda Prospero Augesto.

Il-Kunsillier Mario Caruana enfasizza li l-Kunsill ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega la se jiddahhlu n-nies fih. Il-Kunsill ghandu jinzel jara x'hemm u nqabbdu l-haddiema tal-IPSL sabiex jghaddu d-dawl u jnaddfuh, kif ukoll li x-shelter jigi ccertifikat mill-Perit tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Mario Caruana ppropona li l-membri jiltaqghu u jinzlu fih flimkien.

Is-Sindku ppropona s-Sibt, 12 t'April 2014, fid-9.00a.m.

Gie maqbul li ghandhom jingabru stimi ghal P.A. System, nibbukkjaw stands, nistiednu lill-artiggjani maltin u l-ghaqdiet tal-lokalita' sabiex jarmaw stands informattivi.

Tqajjmet diskussjoni dwar l-istands tal-ikel, fejn kien hemm minn ippropona li dawn l-istands jinghataw lill-ghaqdiet lokali, filwaqt li kien hemm min sahaq li dan ix-xoghol jinghata lill-kumpanija privata.

Il-Kunsillier Cedric Valletta sahaq li tkun ħaġa tajba jekk l-istands tal-ikel jinghataw lill-ghaqdiet.

Il-Vici Sindku ssuggerixxa li tinhareg *quote/expression of interest* u naraw min japplika.

Il-Kunsillier Judith Bugeja pproponiet li t-tliet ghaqdiet muzikali jinghataw stand. Il-Vici Sindku sahaq li din l-attivita' mhux b'sahhitha bizzejjed biex isir hekk. Is-Sindku ppropona li naghtu cans lil kulhadd, fosthom l-ghaqdiet.

Ghaldaqstant is-Sindku kkonkluda li l-Kunsill ghandu jinfurma lill-ghaqdiet b'dan u ninfurmawhom li se jkunu kompetittivi.

Il-Kunsillier Cedric Valletta

Il-laqgħa ntemmet fis7.20p.m.

Il-laqgħa ġiet aġġornata.

____________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
DATA